MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 318/2001/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Ignatius Mallia.**

**vs**

**Kevin Portelli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jhallas lill-Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' LM346.83,0 danni li ghamlet fronti ghalihom in segwitu ghall-incident stradali li**

**gara fl-isptar San Luqa fil-25.01.98 prevja dikjarazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident stradali li gara fil-lok u hin imsemmijin bejn Van Peugeot nru FAP-218 ta' Ignatius Mallia (assikurata b'polza comprehensive mas-socjeta' attrici) u Escort GAM 391 misjuqa minnu;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 t'April, 1999 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 – kollox kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-esponent ma kienx responsabbli ghall-incident oggett ta' din il-kawza liema incident awtomobilistiku sehh unikament tort ta' Ignatius Mallia minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Ignatius Mallia;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat it-talba tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici biex il-kaz odjern jigi differit ghas-sentenza;**

**Innotat li ghalkemm il-konvenut kellu diversi okkazjonijiet rizervati ghalieh biex jipprezenta x-xhieda tieghu dan naqas li jghamel dan;**

**Rat ir-rikors tal-konvenut datat is-27 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-**

**prolazzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jipproduci l-provi;**

**Rat id-digriet taghha ta' l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti fejn laqghet it-talba;**

**Illi tinnota li dan kien inutili stante li l-konvenut xorta naqas li jipprezenta x-xhieda tieghu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti ta' din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fil-25 ta' Jannar ta' l-1998 ghall-habta tas-1.00 p.m. quddiem l-Isptar Karen Grech, Gwardamangia;**

**2. Illi l-vetturi involuti f'dan l-incident kienu wahda tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni FAP-218 li kienet ipparkjata fil-post indikata fl-iskizz ipprezentat fl-atti odjerni u dik tal-marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni GAM-391 misjuqa mill-konvenut Portelli;**

**3. Illi fil-hin ta' l-incident il-vettura Peugeot fuq indikata kienet regolarment assigurata mas-socjeta' attrici, liema socjeta' ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti fl-istess vettura kagun ta' l-incident odjern u giet sussegwentement debitament surrogata skond il-ligi;**

**4. Illi l-incident odjern sehh meta l-konvenut irriversja fuq il-vettura regolarment ipparkjata assigurata mis-socjeta' attrici nomine;**

**5. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jirrizultaw li tlett mija u disa' u erbghin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu, (LM349.83,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi abbundantement sodisfatta li l-konvenut Portelli hu responsabbli ghall-akkadut stante li hu biss kien il-forza motrici involuta:**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Kevin Portelli responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni fl-ammont globali ta' tlett mija u disa' u erbghin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu, (Lm349.83,0), skond in-nota tas-socjeta' attrici a fol 26 u mhux skond l-avviz li ta' lok ghal din il-procedura stante l-fessibilita' moghtija lill-qorti f'dan ir-rigward mill-artikolu 175 (1) tal-Kap 12, stante li n-nota hawn riferita hi ekwivalenti ghar-rekwiziti msemmija fl-artikolu hawn citat;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Kevin Portelli biex ihallas lis-socjeta' attrici nomine d-danni hekk likwidati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**